# IŻDA

*Għanja lil Ġesù fl-Ewkaristija*

Kont sabiħ, Ġesù, kont ħelu
Meta f'belt minn tal-Lhudija,
Minn omm xebba, f'lejla kiesħa
Alla ħaj, twelidt tarbija:

Iżda l-għaġeb li sar f'Betlem
Għadu jsir fuq l-artal tagħna
Fejn titwieled f'Ostja ċkejkna
Biex sa l-aħħar tibqa' magħna.

Kont ħanin, Ġesù, kont tajjeb
Meta t-tfal kont tgħannaq miegħek
U tberikhom, u tħennihom
B'dak il-ħajr tal-kelma tiegħek:

Iżda l-ħlewwa li kont turi
Ma' l-itfal turiha magħna
Meta moħbi f'Ostja ċkejkna
Tiġi tgħannaq lir-ruħ tagħna.

U kont kbir, Ġesù, f'imħabbtek
Meta msallab mingħajr ħtija
Tlabt il-maħfra għal min sallbek
Bl-oħla kelma tal-mgħodrija:

Iżda n-nar ta' dik l-imħabba
Għadu jħeġġeġ biex jifdina
Fuq l-Artal imqaddes tiegħek
Fejn kulljum Int tmut għalina.

Dun Karm

8/X/'40

# Arloġġ żgħir u ġrajjietu.

Wasalt hawn Malta f'nofs ix-xahar ta' Ottubru wara safra ta' kemm-il sena; ma kontx għadni naf nitkellem bil-Malti sewwa u għalhekk kont aktar naħrab it-tisħib milli nfittxu, u sibt ruħi bħal għarib ġewwa art twelidi.

Ftit wara li wasalt, jiġifieri fl-aħħar Ħadd tax-xahar li għedna, kien il-Għid ta' Kristu Sultan, u fraħt wisq li kont sa nara l-ewwel darba dik il-ħafla(1) kbira, li kont qrajt kemm-il darba fuqha. Għalhekk f'xi s-sagħtejn wara nofs in-nhar tlajt fuq Kastilja, fejn kien hemm miġmugħa għadd kbir ta' nies bi bnadar u egħlimiet ta' bosta xorta.

Bdiet miexja l-ġilwa. Għaddew l-ewwel għadd kbir ta' subien b'mixi meqjus, b'libsiet ġindija (2), imbagħad irġiel bi bnadar u egħlimiet tax-xirkiet tagħhom, u dammiet ta' ward ta' kull lewn u sura; imbagħad qassisin u rhieb, u 'l hawn u 'lhemm, fost il-ġilwa, daqqaqa jdoqqu, u n-nies tgħanni għana ta' qdusija mad-daqq tagħhom.

Tul dal-ħin jien kont wieqaf, medhi; nixrob b'għajnejja d-dehriet, u b'widnejja l-ilħna, li kienu kollha ġodda għalija.

Kif kont hekk sehwien inħares, xi ħadd li kien ma' ġenbi, intafa' n-naħa tiegħi, u rifisli, b'kagħbu (3) iebes, sebgħi ż-żgħir ta' riġli l-lemenija. Jaħasra! f'dak is-saba' sewwa kelli safra (4), u ma nafx infisser l-uġigħ kbir li ħassejt b'dik ir-rifsa! Ħassejt sebgħi bħal maqbud bejn żewġ sinniet ta' klibtejn (5) mikwija, u ridt kieku, imma le stajt għal kollox, naħbi l-weġgħa.

Kif kont immejjel ftit b'idi fuq qasbet sieqi, nisma' leħen xi ħadd ikellimni bil-ħniena: "Kemm jisgħobbija li rfistek!" qalli: "Mhux għax ridt jien, jaħasra. Jidher li wagġajtek sewwa!" Ħarest 'il fuq biex nara min kellimni u nsib li kienet xebba l-ġmiel ta' ġmielha.

Bint tar-raħal, bil-għonnella, qsajra u mgħakkna, wiċċha imħamrani u għajnejha suwed taħt ħuġbejn sufin qawsija, imnieħer imdaqqas u xuftejn ħxajnin, qrollija.

"X'ġara, Ġen?" saqsa xi ħadd lix-xebba.

"Irfist lil dan ta' ma' ġenbi, issa x'ħin in-nies tefgħatna. Wagġajtu jaħasra! Bil-kemm jista' jżomm bil-wieqfa."

---

(1) Sollennità, funzjoni. (2) Uniformijiet.

(3) Il-warrani ta' qiegħ ir-riġel, li ngħidulu ħażin "għarqub". Il-għarqub huwa dik il-qarquċa li titla' minn fuq il-kagħab, bejn iż-żewġ egħkiesi tas-sieq.

(4) Kallu. (5) Tnalja.